# Bord Li Jirregola l-Kera
## Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)

**Rikors Nru. 1016/2021 LC**

**ANTHONY ZAMMIT** (K.I.970347),
**MARY LOUISE ZAMMIT** (K.I. 686251M)
**CARMEN MUSCAT** (Passaport Malti Nru 1152381)
**NOEL GALEA** (K.I. 503068M)
**CARMEL GALEA** (K.I. 107067M)
**GIOELE GALEA** (K.I. 492765M)
**VINCENZA ZAMMIT** (K.I. 68339M)

**VS**

**GODWIN BUGEJA**
(K.I. 470040M)

**Sentenza Preliminari**

**Illum, 19 ta' Settembru, 2022**

Il-Bord,

Illi b'rikors datat il-15 ta' Diċembru 2021, ir-rikorrenti Anthony Zammit, Mary Louise Zammit, Carmen Muscat, Noel Galea, Carmel Galea, Gioele Galea, Vincenza Zammit talbu lil dan il-Bord, għar-raġunijiet hemm premessi u infraskritti, joġgħbu:

1. Jiddikjara u jiddeċiedi illi a bażi ta' dak deċiż mill-Onorabbli Qorti Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-atti tar-rikors bin-numru 247/2019/ISB fl-ismijiet ***Anthony Zammit et v. L-Avukat tal-Istat u Godwin Bugeja*** nhar it-30 ta' Settembru 2021 l-intimat Godwin Bugeja ma jistax jibqa' jistrieħ fuq id-disposizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 1531Ċ tal-Kodiċi Ċivili sabiex jibqa' fl-okkupazzjoni tal-fond 43, "Vira House", Triq San Luqa, Gwardamangia, Pietà;

2. Jiddikjara u jiddeċiedi illi a bażi ta' dak deċiż mill-Onorabbli Qorti Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-atti tar-rikors bin-numru 247/2019/ISB fl-ismijiet ***Anthony Zammit et v. L-Avukat tal-Istat u Godwin Bugeja*** nhar it-30 ta' Settembru 2021 l-intimat Godwin Bugeja ma jistax jibqa' fl-okkupazzjoni tal-fond 43 "Vira House", Triq San Luqa, Gwardamangia Pietà u jiddikjara u jordna wkoll it-terminazzjoni u x-xoljiment tal-kirja illi qabel kellu l-intimat Godwin Bugeja;

3. Jawtorizza lill-esponenti jieħdu lura l-pussess tal-fond 43, "Vira House", Triq San Luqa, Gwardamangia, Pietà u konsegwentement jordna l-iżgumbrament tal-intimat Godwin Bugeja mill-fond 43, "Vira House", Triq San Luqa, Gwardamangia, Pietà u dana entru terminu qasir u perentorju illi jiġi lilu prefiss minn dana l-Onorabbli Bord u għar-raġunijiet premessi;

4. Sussidjarjament u f'każ illi t-talba għall-iżgumbrament ma tintlaqax minħabba d-dħul fis-seħħ tal-artikolu 4A tal-kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta:

    a) Jordna illi jitwettaq it-test tal-mezzi tal-intimat Godwin Bugeja ai termini ta' dak illi jiddisponi l-artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

    b) Jiddikjara u jiddeċiedi illi l-kera tal-fond 43 "Vira House", Triq San Luqa, Gwardamangia Pietà għandha ai termini tal-Artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, tiġi riveduta għal ammont illi ma jeċċedix it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ, u jiġu stabbiliti kondizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera, jekk ikun il-każ;

    c) Jordna lill-intimat Godwin Bugeja jibda jħallas tali kera fix-xahar hekk kif awmentata b'effett mid-data tal-preżentata ta' dan ir-rikors;

    d) F'każ illi l-intimat Godwin Bugeja ma jissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, jordna l-iżgumbrament tiegħu mill-fond

43 "Vira House", Triq San Luqa, Gwardamangia Pietà fi żmien qasir u perentorju stabbilit minn dana l-Onorabbli Bord għal dan il-għan u sa mhux aktar tard minn sentejn mid-data ta' dan ir-rikors u jistabbilixxi l-kera illi għandha titħallas matul tali żmien;

Bl-ispejjeż kontra l-intimat Godwin Bugeja illi huwa minn issa stess inġunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-intimat Godwin Bugeja;

Ra r-risposta tal-Awtorità tad-Djar, bħala intervenuta fil-kawża, fejn fost l-oħrajn eċċepiet is-segwenti raba' eċċezzjoni:

"Illi r-rikors tal-atturi għandu jiġi dikkjarat bħala null stante l-fatt li wieħed ma jistax jiftaħ proċeduri ta' żgumbrament waqt li fl-istess ħin jitlob għal awment tal-krija"

Illi b'digriet mogħti fil-11 ta' Marzu 2022, il-Bord ordna illi din ir-raba' eċċezzjoni tal-Awtorità intervenuta għandha tiġi trattata u deċiża b'mod preliminari;

Ra d-dokumenti limitatament fir-rigward ta' din l-eċċezzjoni preliminari;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet limitatament fir-rigward ta' din l-eċċezzjoni preliminari;

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti limitatament fir-rigward ta' din l-eċċezzjoni preliminari;

Ikkonsidra;

Illi permezz ta' din l-eċċezzjoni *de quo*, l-Awtorità intervenuta qed teċċepixxi li r-rikors promotur huwa null stante li jikkontjeni talbiet li ma jistgħux jeżistu flimkien, senjatament; it-talba għall-iżgumbrament in forza tas-sentenza erogata mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fl-ismijiet **Anthony Zammit et v. L-Avukat tal-Istat u Godwin Bugeja** u, minn naħa l-oħra, it-talba għall-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta għall-awment tal-kera jew l-iżgumbrament skont ir-riżultanzi mit-twettiq tat-test tal-mezzi. Filfatt, fit-trattazzjoni rigward din l-eċċezzjoni, l-Awtorità intervenuta sostniet illi l-proċedura kkontemplata mill-Artikolu 4A tal-Kap. 69 hija proċedura speċjali filwaqt li t-talba għall-iżgumbrament abbażi tas-sentenza suriferita hija proċedura ġenerali. L-Awtorità qalet li r-rikorrenti kellu jagħżel azzjoni u jsegwi lilha u ma jistax iħallat dawn iż-żewġ azzjonijiet flimkien. Dan

abbażi tal-prinċipju li *electa una via non datum ricursum ad alteram*. B'hekk, issostni l-Awtorità intervenuta, dawn it-talbiet misti għandhom iġibu n-nullità tar-rikors promotur.

Illi da parti tiegħu, l-intimat Bugeja assoċja ruħu mal-posizzjoni tal-Awtorità intervenuta fir-rigward ta' din l-eċċezzjoni u straħ fuq is-sottomissjonijiet tagħha;

Illi r-rikorrenti, da parti tagħhom, isostnu fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom illi t-talbiet kif redatti ma jġibux in-nullità tar-rikors promotur u dana abbażi tal-fatt li (i) n-nullità eċċepita mill-Awtorità intervenuta m'hi sorretta mill-ebda dispożizzjoni tal-liġi; (ii) il-Qrati tagħna ippermettew u aċċettaw talbiet alternattivi b'mod sussidjarju għal xulxin; (iii) bit-talbiet kif redatti, ma ġie kkaġunat ebda preġudizzju lill-intimat; (iv) il-Bord għandu jieħu kont tal-prinċipju tal-ekonomija tal-ġudizzju, u (v) il-ġurisprudenza nostrana taċċetta wkoll il-kumulu ta' azzjonijiet;

Ikkonsidra

Illi fl-ewwel lok, jiġi rilevat li l-Qrati tagħna jikkonsidraw l-eċċezzjoni tan-nullità bħala sanzjoni estrema. Filfatt, fis-sentenza fl-ismijiet **Alfred u Mary konjuġi Vella vs Agostino Camilleri**[1] il-Qorti Ċivili, Prim' Awla, irriteniet illi:

> *"In-nullità ta' l-atti ġudizzjali hija sanzjoni estrema li l-liġi trid li tiġi mposta biss meta n-nuqqas – formali jew sostanzjali – fl-att ma jistax assolutament jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali."*

Illi di più, din il-materja hija regolata bl-Artikolu 789(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistipola dawk il-gravami li fuqhom tista' tingħata din l-eċċezzjoni. Illi dwar dawn il-gravami, ġie ritenut fis-sentenza **ITC Limited et vs LBM Breweries Limited**[2] li:

> "*Illi jkun xieraq li jingħad mill-ewwel li l-każijiet li fihom l-eċċezzjoni tan-nullita' ta' atti ġudizzjarji tista' tingħata huma dawk imsemmija fis-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dawn l-erba' (4) każijiet imsemmija f'dak l-artikolu huma tassattivi, fis-sens li biex att ġudizzjarju jitqies ma jiswiex, l-ilment irid bilfors jaqa' taħt il-parametri ta' xi waħda minnhom.*"

[1] **Alfred u Mary konjuġi Vella vs Agostino Camilleri,** Qorti Ċivili, Prim' Awla, 21 ta 'Frar 1997.
[2] **ITC Limited et vs LBM Breweries Limited,** Qorti Ċivili, Prim' Awla, 20 ta' Ottubru 2005 (Citazz Nru 976/2005 JRM)

Illi meta tat din l-eċċezzjoni, l-Awtorità intervenuta ma indikatx espressament taħt liema gravam qed tarġinaha. Mid-diċitura tal-eċċezzjoni u mit-trattazzjoni magħmula, madanakollu, jirriżulta ċar li din l-eċċezzjoni qed tiġi bbażata fuq l-Artikolu 789(1)(ċ) tal-Kap. 12, liema Artikolu jistipola:

> ***"789.*** *(1) L-eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji tista' tingħata:*
>
> *...omissis...*
>
> *(ċ) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;"*

Illi minn dan l-artikolu joħroġ ċar li l-att mhux biss għandu jikkontjeni xi vjolazzjoni tal-forma meħtieġa, iżda dik il-vjolazzjoni trid tkun <u>ġiebet preġudizzju</u> lill-parti li tissollevaha, li <u>ma jkunx jista' jissewwa</u> jekk mhux billi l-att jiġi dikkjarat null. Illi f'dan ir-rigward, il-Bord jagħmel referenza għal dak deċiż mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Guido J. Vella A&CE vs Dr Emanuel Cefai LL.D.,**[3] senjatament:

> *"F'dawn il-każijiet huwa dejjem opportun li l-Qorti kemm jista' jkun, għall-prattiċità u biex tiġi evitata multiplikazzjoni ta' kawżi u spejjeż żejda, għandha tkun pjuttost iebsa fl-akkoljiment tal-eċċezzjoni tan-nullità u kemm jista' jkun issalva atti ġudizzjarji, u att ta' ċitazzjoni għandu jiġi mwaqqa' u annullat biss għal raġunijiet gravi: in-nullità ta' l-att ġudizzjarji hija sanzjoni estrema li l-liġi trid li tiġi imposta biss meta n-nuqqas formali jew sostanzjali - fl-att ma jistax assolutament jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali."*

Ikkunsidra;

Illi bit-talbiet tiegħu odjerni, ir-rikorrenti effettivament qed jistieden lill-Bord jiddeċiedi jekk l-Artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta kif emendat bl-Att XXIV tal-2021 huwiex applikabbli għall-każ *de quo* in vista tas-sentenza erogata mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali). Fl-eventwalità li l-Bord isib li l-imsemmi Artikolu 4A m'huwiex applikabbli għall-każ *de quo*, ir-rikorrenti qed jitlob lill-Bord sabiex jiddeċiedi abbażi tas-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim' Awla, (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali). Minn naħa l-oħra, jekk il-Bord isib li l-emendi li daħlu fis-seħħ jirrendu l-Artikolu 4A applikabbli, allura l-Bord qed jiġi

[3] **Guido J. Vella A & CE vs Dr Emanuel Cefai LL.D.**, lil-Qorti tal-Appell, 4 ta' Novembru 1991

mitlub sabiex jiddeċiedi skont dik il-proċedura. Filfatt, ir-raba' talba għall-applikazzjoni tal-Artikolu 4A hija miġjuba "***f'każ illi t-talba għall-iżgumbrament ma tintlaqas minħabba d-dħul fis-seħħ tal-Artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta:***".[4]

Illi fil-fehma tal-Bord, ir-raba' talba hija sussidjarja u alternattiva għall-ewwel tliet talbiet ibbażati fuq is-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim' Awla u b'hekk, dawn it-talbiet jistgħu jissussistu flimkien fid-dawl tal-fatt li huma alternattivi għal xulxin;

Illi di più, bil-mod kif ġew redatti t-talbiet dawn ma kkawżaw ebda preġudizzju għall-intimat jew għall-Awtorità intervenuta. Tant hu hekk li kemm l-intimat kif ukoll l-Awtorità sottomettew ir-risposti tagħhom fuq il-mertu tal-każ *de quo*.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi, il-Bord qiegħed jaqta' u jiddeċiedi din ir-raba' eċċezzjoni billi jiċħadha u jordna l-prosegwiment tal-kawża.

Spejjeż ta' din l-istanza riżervati għall-ġudizzju finali.

ft/Dr Leonard Caruana
**Maġistrat**

Sharonne Borg
**Deputat Reġistratur.**

---

[4] Ara r-rikors promotur, a fol. 4.